# L-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'Malta: Għaliex intgħażlet il-Knisja tal-Mosta?

**Kitba ta' Joseph J. VELLA**

## Mill-kitba ta' Patri Domenico Azzopardi OP, Kunvent SS Annunzjata, il-Birgu. Nhar il-festa ta' Corpus Domini 1913

Bi preparazzjoni għall-Kungress Ewkaristiku tal-1913, fit-18 t'Ottubru 1912, ġie Malta Mons. Heylen, Isqof ta' Namur u President Ġenerali tal-Kumitat Permanenti tal-Kungressi Ewkarsitiċi. Wara li għamel xi ġranet iżur il-Katidral tal-Imdina, il-Kon-Katidral tal-Belt, il-Knisja tal-Mosta, xi Istituti tal-Karità, Skejjel, il-Biblijoteka, il-Bażilika ta' Portu Salvu (San Duminku) u dik tal-Madonna tal-Karmnu, ħaduh biex jagħti ħarsa lejn il-Port il-Kbir mill-Barrakka ta' Fuq. Laqtitu sewwa d-dehra sabiħa u maestuża ta' port imdawwar bis-swar u qalilhom: "minn hawn tkun ħaġa sabiħa u imponenti li bis-Santissimu jitbierku l-baħar u l-art ta' Malta."

Fil-21 t'Ottubru nġabar mal-Kumitat Malti ġewwa l-Oratorju ta' San Ġwann biex setgħu jiddiskutu l-programm tal-Kungress. Tkellem l-Isqof Pietru Pace.



Mons. Thomas Louis Heylen, Isqof ta' Namur, fil-Belġju, u l-President Ġenerali tal-Kumitat Permanenti tal-Kungressi Ewkarsitiċi.

Dan qal li Mons. Heylen ġab miegħu minn Ruma l-awgurju u l-Barka Appostolika tal-Papa Piju X. Wara diskors twil Mons. Heylen heġġeġ lil kulħadd biex il-Kungress ikun dehen ta' Malta u tal-fidi mxandra hawn mill-Appostlu Pawlu.

Il-ħsieb ewlieni tal-Kungress għandu jkun l-għoti ta' ġieħ speċjali u pubbliku lil Ġesù Sagramentat, ir-Re tar-Rejiet. Imbagħad Mons. Heylen semma' fuq il-programm tal-Kungress.

Wieħed mill-items kien dan. Fil-ġranet tal-Kungress ikun hemm seduti speċjali għal kull ilsien f'xi knisja tal-Belt. Fl-aħħar ġurnata, is-Sibt, isir l-għeluq fil-*'playground'* tal-Kulleġġ San Alwiġi tal-Ġiżwiti f'Birkirkara għax din tesgħa akar minn 10,000 ruħ. Din il-ħaġa tat fastidju lill-kotra kbira tal-popolazzjoni. Kif il-ġemgħa l-kbira tal-Kungress, waħda mill-ħwejjeġ



L-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'Malta bejn bejn it-23 u s-27 t'April, 1913. Hawn tidher waħda mil-laqgħat tal-Kungressisti li saret fir-Rotunda tal-Mosta, li ġiet magħżula mill-Kumitat u l-Isqof Pietru Pace, minkejja diversi diffikultajiet.

ewlenin li jifformaw il-Kungress, tiġi miġbura ġewwa '*playground*'? Dan kien ikun għajb għall-gżira tagħna. Imbagħad biex tgħatti bitħa bħal din u żżejjinha kellhom jonfqu mill-anqas 300 lira u suppost li l-Ammiral kien se jislifhom ix-xoqoq kbar meħtieġa biex tgħatti l-bitħa kollha.

Dan il-ħsieb tbiddel fil-laqgħa tal-Kumitat tas-17 ta' Diċembru. Il-Markiż Mattei ppropona li flok il-bitħa ta' Birkirkara tintuża dik tal-Istitut tas-Sależjani. Bqajna fejn konna!

Qam l-Avukat Mizzi u talabhom jiflu l-possibiltà li l-ġemgħa l-kbira tal-Kungress issir fil-Knisja tal-Mosta, lok maħluq għal ġemgħat sagri bħal dawn u xejn xejn jiffrankaw somma ta' 300 lira. Il-Markiż Mattei oġġezzjona u qal li din il-knisja ma tesgħax 11,000 ruħ u kien sejjer ikun hemm infiq kbir biex twassal l-Isqfijiet u l-Kardinali ta' kuljum sal-Mosta.

B'danakollu iżda dan il-ħsieb ġera u kien milqugħ mill-Kumitat. B'hekk minn dak it-tempju glorjuż tal-Mosta aħna l-Maltin nuru lid-dinja kollha l-kobor ta' dan il-poplu Nisrani. Il-Kungress mhux xi ġemgħa ta' nies fi pjazza biex tisma' xi taħdita politika. Il-post kellu jkun fejn l-insara setgħu jiftħu qalbhom ma' Alla, mnejn it-talb u l-kant tas-Salmi jitilgħu lejn is-sema bħal l-inċens u l-fwieħa tal-fjuri.

X'kienu jgħidu għalina l-Kungressisti barranin meta aħna nilqugħhom ġewwa bitħa tal-logħob li mżejna kemm trid, anki bl-arazzi ta' San Ġwann, tibqa' bitħa tal-logħob?

X'kienu jtennu l-Maltin li jiġu warajna?! Kellna knisja kbira bħal tal-Mosta iżda ġbarna l-Kungress taħt tinda ta' kamp. Kienu jiddieħku bina.

Ta' min jgħid illi d-dawra tal-paviment tal-knisja tal-Mosta hi ta' 12,000 pied kwadrat u dak tal-kappelli, tal-kor u ta' taħt l-orgni hu 3,600. U għalhekk il-knisja tal-Mosta tista' tilqa' fil-wisa' 12,000 ruħ u dawk it-300 lira jmorru fuq in-nies tal-karozzini fqar. Hekk flok għajb u tgemgim ikollna unur u tifħir.

Aħjar mit-tempju tal-Mosta ma kienx jista' jinsab



Pittura (tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi) li tirrappreżenta l-Kungress Ewkaristiku tal-1913 fil-Mosta u li nsibu fis-saqaf tal-kamra laterali tal-Każin Nicolò Isouard u ġiet nawgurata fl-2008. (ritratt: Mark Micallef)

ieħor f'Malta, knisja l-aktar wiesgħa mibnija mill-għaraq tal-poplu li kollox issagrifika għar-reliġjon tiegħu. Knisja li fil-għamla tonda tagħha hi simbolu tal-Ostja kif ukoll tad-dinja.

Inqalgħet tmerija oħra fuq l-għażla tar-Rotunda. Il-Mostin li ħlew saħħithom u ġidhom biex jibnu dak il-glorjuż tempju tagħhom, dawn sejrin iċedu l-lok lill-barranin u huma jibqgħu barra?! Il-Mostin kien sejjer ikollhom l-unur li jċedu l-knisja tagħhom lill-Kungressisti. La kien xieraq li titlobhom u lanqas li tisforzahom.

Għalhekk fil-5 ta' Jannar 1913, poplu immens ta' Mostin kien miġmugħ fil-knisja u, meta fissrulhom kollox, ilkoll b'leħen wieħed stqarru li mhux biss iċedu l-knisja tagħhom għall-Kungress, imma li din hi xewqithom.

Fl-24 ta' Frar 1913, fil-laqgħa tal-Kumitat Ġenerali nqrat dikjarazzjoni li fiha l-maħbub Isqof Pietru Pace qal li ma għandu ebda diffikultà li s-seduti ġenerali tal-Kungress jinġabru fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta basta din tkun ukoll ix-xewqa tal-Kumitat. U l-Kumitat b'rieda waħda qata' li sseħħ ir-rieda tal-Isqof Djoċesan, kif ukoll tal-kotra tal-poplu Malti.



# Biex il-Mostin ma jinsewx

Minn Walter CAMILLERI


189/49

A Sua Eccelza Rma
Mons: Michele Gonzi DD.
Arcivescovo Metropolita di Malta.

Umile ricorso del
Sac Paolino Galea
Arcipr. Parroco di Musta.

Riverentemente espone,
Che il 9 Aprile 1942 durante un attacco aereo del nemico, una bomba di grosso calibro scagliata contro la Chiesa Parrocchiale, penetrò la Cupola, cadde fra la moltitudine di fedeli, e non scoppiò, ne cagionò alcun danno ad alcun
Che questo fatto meraviglioso si tiene da tutti i fedeli, come una grazia speciale se no un miracolo, col quale la Divina Provvidenza ha voluto mostrare la Sua Protezione per l'Intercessione della Beatissima Vergine.
Onde il ricorrente, interprete dei sentimenti dei fedeli, domanda che venga concesso in perpetuo a tutti i Sacerdoti della Parrocchia, di recitare la Colletta 'pro gratiarum actione' tamquam pro re gravi, nella Messa nel 9 Aprile di ogni anno.
E della grazia
Sac Paolino Galea
Arciprete Parroco.

Presentato al vicariato il 8 Aprile 1949
Can. Emin. Bonnici
Cancelliere

Ġimgħat qabel ma miet Mons. Bartilmew Bezzina, eks-Arċipriet tal-Mosta bejn l-1960 u l-1981 u li kien Saċerdot sħiħ u ta' vera, konna ddiskutejna ġrajja tal-imgħoddi li fiha hu kmien involut b'mod indirett. Din il-ġrajja għandha x'taqsam mal-każ "tal-Bomba tal-Mosta" li kienet faqgħet u sfrundat il-koppla tar-Rotunda.

Imxejt mal-verżjoni tal-Monsinjur u rnexxieli nsib id-dokument fil-Kurja li jvarja bi ftit dettalji minn dak li kien qalli Dun Bert. Biex ma ntawwalx, se nippubblika b'mod popolari f'ilsienna, il-kontenut tar-Rikors, flimkien ma' ritratt tal-istess rikors u Digriet, biex kemm jista' jkun ma ninsewx ... il-grazzja, li qlajna b'diżgrazzja!

Dun Pawlinu Galea, 'Arciprete-Parroco' tal-Mosta, nhar it-8 t'April 1949, kien ippreżenta talba-rikors fil-Kurja tal-Arċisqof, li xi ftit jew wisq, għandu ċertu valur storiku, li tajjeb li nirreġistrawh f'dan l-annwal. Sostanzjalment ir-rikors hu dan:

Lill-Eċċellenza Tiegħu Reverendissima
Monsinjur Mikiel Gonzi D.D.
Arċisqof Metropolita ta' Malta

Umli Rikors ta' Dun Pawlinu Galea
Arċipriet-Kappillan tal-Mosta
Jesponi bir-rispett:

Illi fid-9 t'April 1972, waqt attakk tal-għadu mill-ajru, kienet twaddbet bomba ta' kobor mhux żgħir fuq il-Knisja Parrokkjali (tagħna tal-Mosta) li sfrundat il-koppla, waqgħet f'nofs il-fidili numerużi li kienu miġbura f'din il-knisja, IMMA DIN IL-BOMBA MA SPLODIETX U ĦADD MA NGIREF.

Illi l-poplu għadu jżomm u jgħożż din il-ġrajja bħala waħda "meraviljuża", "grazzja speċjali" u saħansitra "miraklu", fejn il-Providenza Divina għoġobHa turi l-protezzjoni ta' Alla magħna u bl-interċessjoni ta' Marija Santissima.

Illi hi xewqa tal-poplu (tal-Mosta) li (l-Arċisqof) jaċċetta u jawtorizza, li l-Kleru tal-Parroċċa tal-Mosta, jibda jgħid il-Kolletta (l-'Oremus' ta' qabel il-qari): ***'PRO GRATIARUM ACTIONE' - tamquam pro re gravi*** - ta' kull sena, nhar id-9 t'April, b'radd il-ħajr lil Alla, talli ma kien seħħ xejn gravi u tant tal-biża'.

Firma: Sac. Pawlino Galea, Arciprete-Parroco, 8 Aprile, 1949.

L-Isqof Emmanuel Galea, Vigarju Ġenerali ta' Malta, b'Digriet tiegħu fl-istess jum tar-rikors (08-04-1949) kien awtorizza lill-Kleru Mosti li jgħid dik il-kolletta (dak l-'Oremus' speċifiku - *Pro Gratiarum Actione*) waqt il-quddiesa kull 9 ta' April, imma għal **żmien għaxar snin biss (1949-1959) - *"fiat ad decenium"***.

Mons. Bezzina kien stqarr miegħi, b'ċerta devozzjoni u konvinzjoni, illi bosta Saċerdoti Mostin, inkluż hu, minn rajhom, kienu baqgħu jgħidu din il-kolletta, b'radd il-ħajr lil Alla b'mod privat, snin kbar wara l-iskadenza tad-9 t'April 1959. "... għax il-ġrajja tal-Bomba tal-Mosta (09-04-1942) kienet diżgrazzja kbira wisq, li l-Bambin u l-Madonna żammewha li ma tissarrafx fi traġedja enormi, billi l-knisja kienet mimlija bin-nies".

Imbagħad Dun Bert semmieli l-aħħar erbgħa Saċerdoti li kienu baqgħu jgħidu "Grazzi lill-Mulej" b'mod

privat fil-quddiesa tagħhom tad-9 t'April ta' kull sena. Dawn kienu: Dun Stiefnu Fava (+ 02-04-2004), Dun Pawl Buhagiar (+ 09-10-2004), Dun Salv Magro (+ 31-12-2007) u l-istess Dun Bert Bezzina (+ 29-03-2009). Imma aktar tard sirt naf li Dun Anġ Camilleri (+ 11-07-2009) tal-Oratorju, kien ukoll f'din il-lista ta' devozzjoni.

Jalla l-Kleru Mosti u l-poplu jibqa' jgħożż dan il-jum tad-9 t'April, mhux biss bħala ġrajja storika "mirakoluża" imma fuq kollox, f'għanja u f'għaqda mal-Mulej Alla u ma' Marija Santissima li tant jgħożżuna.

***Referenza:***

*AAM Supp. 1949, vol. 1, No. 189; 8 ta' April, 1949.*

*Kopja tar-Rikors li l-eks-Arċipriet tal-Mosta Dun Pawlinu Galea kien bagħat lill-Arċisqof M. Gonzi fit-8 t'April, 1949.*

Creation Butcher

Prop: Stephen Pace

**Autumn Street, Mosta. Tel: 2143 3984**

*For Fresh and Frozen Meat*

FREE DELIVERY FROM MONDAY TO THURSDAY ONLY

Systems Stationery & Bazaar

82 Main Street, Mosta

**Big Discount on Washing Detergents**

**&**

**20% off onBack to School orders and on all items**



*Mob: 9909 1693*

*Il-Festa t-Tajba lil kulħadd*